**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 22 ta' Mejju 2019**

Numru 1

**Fl-atti tar-Rikors Nru. 63/2019**

**Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Simon Sansone, Pia Zammit u Emanuel Delia f'isem Repubblika, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici**

**vs**

**L-Onor Prim Ministru u L-Onor Ministru ghall-Gustizzja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-30 ta' April 2019 ghal referenza preliminari li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropea liema talba jekk milqugha ghandha tigi mitluba li tigi deciza bl-urgenza mil-Qorti Ewropea, kif ukoll talba ghal interim measures sakemm jinghata r-ruling fuq ir-referenza;

Rat ir-risposta tal-intimati li opponew ghal dawn it-talbiet;

Rat l-atti kollha, in-noti ta' sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Dan id-digriet qed isir fl-isfond tas-sentenza preliminari fl-istess kawza li qed tinghata llum stess u taghmel referenza ghaliha biex ma jkunx hemm ripetizzjoni zejda.

In kwantu ghal interim measures, la darba l-Qorti fis-sentenza preliminari sabet li r-rikorrenti ma ghandhomx il-jedd biex iressqu l-azzjoni kif impostata minnhom a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-interess mehtieg taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif traspost fil-Kap. 319, ma jistghux jitolbu u jinghataw ebda interim measures. Huma biss ligijiet specifici ohra li jaghtu dan id-dritt lil Qorti li taghti dawn il-mizuri. Il-Kodici tal-Procedura ma jaghtix dan il-jedd generiku ta' interim measure.

In kwantu ghal preliminary reference mitluba, il-Qorti hadet konjizzjoni tal-proceduri u l-opinjoni tal-Advocate General tal-Kummissjoni fil-proceduri ta' ksur kontra l-Polonja (case C-619/18) u billi tqis li l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza tal-Qorti Ewropea li ghad trid tinghata fil-kawza hawn fuq citata fuq kwistjonijiet relatati direttament mal-artikolu 19 tat-Trattat u artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet jistghu jkunu ta' fejda u direzzjoni ghal Qorti f'din l-azzjoni, tqis li f'dan l-istadju mhux il-kaz li tilqa' jew tichad it-talba izda tirriserva li tiehu decizjoni dwarha fi stadju ulterjuri meta wkoll jibdew jinstemghu l-provi fuq il-mertu tal-azzjoni odjerna .

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur